TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 64/12

**Pauline Caruana**

**vs**

**Dickens**

Illum 12 ta' Novembru, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-29 ta' Frar, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn u disgħa w disgħin ewro (€299), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li ma baqax jaħdem tajjeb.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat *mobile phone* għall-prezz ta' mitejn u disgħa w disgħin ewro (€299), u wara ftit dan il-*mobile phone* ma baqax jaħdem tajjeb, tant illi l-użu tiegħu ma kienx baqa' tajjeb.

L-intimat issottometta illi wara li fetaħ il-*mobile phone* jidher illi kien hemm *patch* ħamra, li jekk dina ssir ħamra tfisser illi tkun ixxarbet b'xi mod jew ieħor.

It-Tribunal tenut kont ta' dawn iċ-ċirkustanzi m'għandux ebda għażla, ħlief li jipproċedi għas-sentenza.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888